MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 708/2001/1

**L-Avukat Dottor Louis Galea**

**Vs**

**Emanuel Cuscheri u John Mary sive Jimmy Magro fil-kapacita taghhom bhala president u segretarju tal-Malta Labour Party rispettivament**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fil-harga tal-gurnal 'l-Orizzont' ta' nhar il-Hamis 19 ta' April, 2001, f'avviz f'pagna 27 intitolat "Il-Hbieb tal-Hbieb" gew attribwiti fatti determinanti li huma foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur li jesponuh ghad-

disprezz tal-pubbliku u ghar-redikolu u li jaggravaw l-integrita' u r-reputazzjoni tieghu;

Premess illi l-avviz imsemmi huwa prodott, ordnat u mhallas mill-konvenuti noe;

Premess illi l-attur, bhala parti malafamata u danneggjata ghandu d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa, Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-pubblikazzjoni suriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li tesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti f'ammont li ma jeccedix hamest elef lira (Lm5,000) bhala danni b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 ta' Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez u bl-interess legali.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenuti nomine a fol. 11 tal-process fejn jeccepixxu:

1. Illi l-pubblikazzjoni msemmija mhijiex libelluza fil-konfront ta' l-attur.

2. Illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni tikkonsisti fi kritika politika, kummenti u l-espressjoni tal-opinjoni tal-eccepjenti nomine dwar materja ta' interess pubbliku, permissibbli f'socjeta' demokratika kemm taht il-ligijiet ta' l-Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri** a fol. 56 tal-process fejn il-konvenuti eccepew li huma m'humiex persuni li kontra taghhom tista titmexxa l-azzjoni taht il-ligi ta' l-istampa, u konsegwentement ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**PROVI U KONTESTAZZJONI**

L-attur qed jilmenta li bl-avviz li gie pubblikat fil-harga ta' l-Orizzont 19 ta' April, 2001, f'pagna 27 intitolata "Il-Hbieb tal-Hbieb", hu gie malafamat billi l-avviz, li fih ukoll ir-ritratt tieghu, jaghti l-impressjoni li hu b'xi mod huwa konness ma traffikanti tad-droga jew ma attivita' ta' traffikar ta' droga.

Hu cahad li kellu xi konnessjoni ma Meinrad Calleja u Ciro Del Negro. Hu ghandu huh jismu Joe u dan kien xehed minn rajh fil-kumpilazzjoni ta' Meinrad Calleja u kien ha passi biex jikklerja ismu.

Joe Galea xehed u kkonferma li hu ma kellu ebda konnessjoni mal-persuni imsemmija fid-djarju ta' Ciro Del Negro, u qatt ma kien involut f'negozju ta' droga. Hu ma jaf lill hadd mill-persuni imsemmija fl-avviz hlief persuna wahda li jafha semplicement ghax hi mir rahal fejn ighix, u ghax gieli kienet fil-kazin tal-football fl-Imqabba fejn hu membru  (ara affidavit a fol. 125/6).

Il-konvenut Jimmy Magro xehed li r-reklam tal-Partit Laburista in kwistjoni huwa mibni minn dak li jinsab fid-djarju ta' Ciro Del Negro, li ma gie nnegat minn hadd. Fil-konfront tal-Ministru Louis Galea, li qed jintqal fir-reklam huwa li l-Ministru jigi hu Joe Galea li jissemma fid-djarju. Flimkien ma' l-isem ta' Joe Galea,  fid-djarju msemmi, hemm xibka ta' ismijiet ta' persuni li kollha huma

maghrufa fil-qasam tal-kriminalita', liema persuni kellhom u ghandhom konoxxenza ta' xulxin. Ghalhekk il-hbieb tal-hbieb. Fl-avviz ma saret ebda akkuza fil-konfront ta' Dr. Louis Galea izda ma setghax ma jigix sottolinejat dak li kien qed jigri.

Il-konvenut Magro kompla jghid li Joe Galea, hu l-Ministru Louis Galea, kien ghamel zmien jahdem fis-segretarjat privat ta' huh u mhux biss issemma fid-djarju ta' Ciro Del Negro, izda kien indikat mhux semplicement bhala Joe Galea, izda bhala "Joe Galea fratello di Louis amico di Charlie u Barriera". Dan il-fatt fih innifsu u aktar u aktar fl-isfond ta' dak li kien qed jigri fuq kazijiet konnessi ma l-istess investigazzjonijiet dwar l-attentat ta' qtil ta' Richard Cachia Caruana u fir-rigward tal-kaz kontra Meinrad Calleja li kien akkuzat bi traffikar ta' droga, kien qajjem hafna mistoqsijiet u kien jimmerita kritika pubblika. Ma saret ebda allegazzjoni la fil-konfront ta' Joe Galea u lanqas fil konfront ta Dr. Louis Galea. Gie biss sottolinejat dak li rrizulta pubblikament u kritika b'mod politiku." (fol 142/143).

Skond il-konvenut f'demokrazija parlamentari certament ma setghax jigi njorat li hu ministru tal-gvern kien gie involut jew ta' l'anqas issemma f'kazijiet serji fil-pajjiz. Joe Galea jissemma b'mod partikolari bhala habib ta' Charlie (il-Pips) u Barriera (il-laqam ta' Leli l-Bully) it-tnejn nies maghrufa fil-qasam tat-traffikar tad-drogi. Il-pubbliku ghandu dritt ghalhekk ikun jaf min huwa Joe Galea u min hu huh.

L-Assistent Kummissarju Michael Cassar (xhieda tieghu f'kawza ohra giet annessa f'dana l-process bi qbil bejn il-partijiet) xehed li fl-investigazzjonijiet li kien qed jaghmel kien staqsa lil Del Negro dwar Joe Galea u dan qallu li "kien hemm okkazzjoni fejn huwa kien akkompanja lill certu Etienne Gatt li jigi t-tifel ta' l-ex Ministru l-Perit Lawrence Gatt, il-Ministeru ta' Dr. Louis Galea. Waqt li kien qed jistenna, kien hemm persuna li kienet kellmitu dwar diversi affarijiet fosthom it-temp u affarijiet ohra simili u meta hareg Etienne Gatt, Ciro Del Negro staqsih dak min kien u Etienne Gatt qallu li kien Joe Galea hu l-

Ministru Louis Galea. Qalli li kien nizzel ismu biex jiftakru". L-Assistent Kummissarju kompla li hu ma kienx hass li kien opportun li f'dak l-istadju jkellem lill Joe Galea. Inoltre Joe Galea kien tela jixhed minn jeddu fi procedimenti kontra Meinrad Calleja u kien qal li ma kellu x'jaqsam xejn mad-droga u li lill Ciro Del Negro ma kienx jafu (fol. 64/5)

Mistoqsi jekk kienx staqsa lill Del Negro ghaliex kien nizzel fid-djarju Joe Galea "amico di Charlie e Barriera", hu wiegeb li Del Negro ma tahx spjegazzjoni (fol. 87). Joe Galea fl-affidavit tieghu kien qal li jaf lill Emmanuel Camilleri mentri lill Charles Muscat qal li ma jafux.

Fl-istatement tieghu, fol. 134, Ciro Del Negro stqarr li hu kien kiteb "amico di Charlie e Barriera" perche dettami da Etienne (Gatt).

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT

Skond l-artikolu 11 tal-Kap 248 il-malafama tikkonsisti fl-attribuzzjoni lill persuna ta' fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama taghha jew li jesponuha ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku.

Il-kritika hi fondamentali f'socjeta' demokratika, pero' dejjem hemm il-limiti. Dawn il-limiti f'kazijiet bhal dan li jkunu ta' interess pubbliku generali, ghandhom ikunu wesghin kemm jista' jkun, b'mod partikolari meta hemm involuti persuni pubblici bhal ma huwa l-attur.

Skond gurisprudenza ricenti d-dritt ta' l-espressjoni permezz ta' l-istampa ghandu jinghata nterpretazzjoni wiesgha, b'tali mod li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kritika harxa u azzardata tista' tigi wkoll permessa dejjem sakemm din tkun entro l-limiti ta' dak li hu ragonevoli (Ara Appelli Civili, "**Fenech vs Callus et**" - 4 ta' Frar, 1994; "**Sant vs Camilleri et**" - 14 ta' Frar, 1994; u "**Mons A. Gauci vs M. Schiavone et**" - 8 ta' Novembru, 1995).

"Ghalhekk f'kazijiet li jkunu ggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu nvoluti persuni pubblici l-limiti tal-kummenti huma wiesghin pero' hemm dejjem limiti. Tali limiti huma dettati fuq kollox minn dak li hu ragjonevoli, minn dak li hu dicenti u minn dak li jista' jkun accettat fis-socjeta' in partikolari. Hemm ukoll id-dritt li kull persuna, pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazzjonijiet, minghajr fondament, maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika,….,ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li qajjmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici" (ara Onor. Dr. J. M. Fenech vs L. Cauchi et A.C. JSP 16/1/2002).

Illi konsistenti ma' dan il-principju isegwi li "*kemm-il darba l-fatti hemm allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitat lill-attur huma fatti ngurjuzi ghall-ahhar*" "**Edgar Bonnici Cachia vs Dr. Michael Frendo et noe**" (P.A. (JF) 27 ta' April 1999 – Vol. LXXII. Pt 3/V pg 792).

**Eccezzjoni ulterjuri**

Dwar l-eccezzjoni ulterjuri, l-konvenuti ma gabu ebda provi, izda mill-atti jirrizulta li l-konvenuti gew imharrka korrettement bhala president u segretarju tal-Malta Labour Party li kien l-awtur li pproduca, ordna u li hallas ghall pubblikazzjoni tal-avviz inkriminat (Art 23 (a) tal Kap 248).

**Mertu**

Illi l-konvenuti stess xehdu li huma mhux qed jaghmlu ebda allegazzjoni kontra Dr. Louis Galea jew kontra huh.

Il-konvenuti qed isostnu li dak li hemm fl-avviz hu kollu veritier u ma hemm xejn fabbrikat jew inventat. Huwa intiz bhala kritika ta' certu konnessjonijiet li pubblikament kienu jidhru li jezistu u li kienu politikament censurabbili u jehtiegu spjegazzjoni.

Fil-kaz in ezami l-konnessjoni li qed jirreferu ghaliha l-konvenuti hija dika bejn Dr. Louis Galea u huh Joe u bejn

Joe Galea u Charles Muscat (Il-Pips) u Emmanuel Camilleri (il-Bully) nies maghrufa sew fic-cirku ta' kriminalita'.

Jirrizulta li l-isem ta' Joe Galea qieghed fl-istess pagna fid-djarju ta' Ciro del Negro ma xibka ta' nies maghrufa fil-qasam tal-kriminalita'. Skond  Ciro De Negro hu kien nizzel l-isem ta' Joe Galea hemmhekk semplicement ghax kien iltaqa mieghu u kellmu b'kumbinazzjoni fil-Ministeru ta' Dr. Louis Galea u xejn aktar.

Del Negro pero' izied ma l-isem ta' Joe Galea li dan kien amico ta' Charlie e Barriera. Dwar dan, l-Assistent Kummissarju Michael Cassar xehed li Del Negro ma tahx spjegazzjoni ghaliex nizzel dawn l-ismijiet. Fli statement Del Negro jghid li kien semmihom Etienne Gatt izda dana Gatt ma xehedx f'dina l-kawza.  Joe Galea invece xehed u qal li kien jaf lill (Barriera) Emmanuel Camilleri fil-club tal-football l-Imqabba fejn jghix izda lill Charlie (Muscat) ma kienx jafu.

Ghalkemm fil pagna tad-djarju ta' Ciro Del Negro (ara fol. 123) isem Joe Galea huma mnizzel flimkien ma' l-isem ta' dawn il-persuni u ta'  diversi persuni ohra notorji dan pero' ma jfissirx li hu kellu x'jaqsam maghhom. Infatti Del Negro spjega li kien iltaqa' darba biss ma' Joe Galea b'kumbinazzjoni fil-Ministeru ta' Dr. Louis Galea meta kien mar ma Etienne Gatt biex dana jkellem lill Norman Bezzina fil Ministeru. Dak in nhar id-diskors  li sar ma Joe Galea kien wiehed kazwali. Hu qal ukoll li Galea ma kellux x'jaqsam ma droga.  Inoltre jirrizulta li Joe Galea ma kellu x'jasam xejn ma l-inkontri li semma Del Negro li kienu isiru fl-ufficju ta' l-ex Ministru Gatt fejn in-nies imsemmija f'dina l-pagna kienu jiltaqu u jaghmlu n-negozju.

Ghalhekk bhala fatt ma jirrizultax li Joe Galea kellu xi konnessjoni man nies censurabbili li jsemmi Ciro Del Negro fid-djarju tieghu. Konsegwentement il-konvenuti ma kienux gustifikati li jqieghdu ritratt ta' l-attur (almenu messhom qieghdu r-ritratt ta' Joe Galea mhux ta' l-attur) f'dana l-avviz bhal li kieku l-attur kellu xi konnessjoni ma

dina x-xibka ta’ nies involuti f’attivita’ illecita. Ghalhekk f’dan is-sens l-avviz inkriminat huwa malafamanti.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-pubblikazzjoni nkriminata hija libelluza fil-konfront ta’ l-attur.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorit tiddeciedi billi
Tiddikjara illi l-pubblikazzjoni suriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur u li tesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku;

Fic-cirkostanzi billi l-avviz mhux qieghed jattakka unikament lill attur imma lill diversi persuni ohra;

Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta’ disgha mitt lira Maltin (Lm900) bhala danni b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28 ta’ Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

-------------------------------TMIEM-------------------------------